**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 042/2022**

**ZM ('l-ilmentatur')**

**vs**

**MPM Capital Investments Limited**
**(C 46783) ('il-provditur tas-servizz' jew 'MPM')**

**Seduta tal-21 ta' Lulju 2023**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,** fejn l-ilmentatur allega li l-provditur tas-servizz ma tahx lura l-flus fuq l-investimenti li huwa kien ghamel mieghu, minkejja r-rikjesta tal-ilmentatur biex dawn jinghataw lura lilu, u minkejja li l-ilmentatur kien allegatament imwieghed diversi drabi minn MPM li kien ser jiehu flusu lura.

L-ilmentatur spjega li huwa kien ghamel zewg investimenti ma' MPM, wiehed fl-4 ta' Novembru 2010, fejn investa s-somma ta' €5,984 gewwa l-*EFG Hellas Funding Ltd* 6% *Perp*, u iehor fit-13 ta' Lulju 2012, fejn investa s-somma ta' €5,343 gewwa *SNS Bank 11.25% Perp*.[1]

Wara xi zmien li saru dawn l-investimenti huwa talab biex jiehu l-flus investiti lura, izda gie nfurmat minn MPM li dan ma kienx possibli minnufih. L-ilmentatur spjega li l-provditur tas-servizz infurmah li l-kapital, flimkien mal-imghax dovut, gew mizmuma, però, huma accertawh li l-affarijiet kienu ser jitrangaw u li b'mod jew iehor il-provditur tas-servizz kien ser jissielet biex jirkupra l-investiment.

[1] Pagna (P.) 4, 12 u 13

L-ilmentatur stqarr li wara diversi snin jistenna u diversi weghdiet li dalwaqt kien ser jiehu flusu, huwa kiteb lil MPM b'mod formali fis-26 ta' Frar 2021,[2] rigward l-investimenti in kwistjoni. F'din il-komunikazzjoni huwa talab kopja ta' dokumentazzjoni rigward l-investimenti tieghu biex jifhem ir-raguni ghaliex huwa kien qieghed jigi michud li jigbor flusu lura minghand MPM, u dan minkejja li hu kien imwieghed li f'Novembru tas-sena 2020, seta' jigbor il-flus investiti ma' MPM izda minflok gie mhedded li ser jehel certu multi.[3]

Gie spjegat li l-provditur tas-servizz qabbad lil Stephen Paris biex jaghmel kuntatt mieghu biex jikkonvincih jittrasferixxi l-kont li kellu ma' MPM ghal *APS Bank*. L-ilmentatur spjega li huwa kien anke kkuntattja, tkellem u ltaqa' ma' ufficjali tal-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ('MFSA') rigward is-sitwazzjoni tieghu fejn gie izda nfurmat li l-MFSA ma setghetx tintervjeni.

Gie sottomess li l-provditur tas-servizz naqsu peress li minkejja li kien wieghedu diversi drabi li kien ser jiehu flusu lura, l-ilmentatur baqa' ma rceviex flusu.

L-ilmentatur spjega wkoll li ghal dawn l-ahhar seba' snin il-provditur tas-servizz ghamel referenza ghal diversi istituzzjonijiet, fosthom, il-gvern, il-qorti u l-kumpaniji izda baqa' ma rritornax lura l-flus li kien investa.

Huwa sahaq li l-provditur tas-servizz kien fl-ahhar qallu li s-sentenza mill-qorti kienet inqatghet u li l-flus kellu jircevihom (fi Frar tas-sena 2022).[4] Huwa spjega li, però, irrizulta li flok ha flusu lura, huwa gie mhedded li ser jehel multa ta' €25 kuljum jekk ma jaghmilx trasferiment tal-kont tieghu minghand MPM ghal ghand l-*APS Bank*. Huwa spjega li l-*APS Bank* izda ghamilha cara li ma jista jerfa' ebda forma ta' responsabbilità ghal dawn l-investimenti.

Bhala rimedju, l-ilmentatur talab li jircievi lura s-somma tal-flus investita fl-investimenti msemmija inkluz, l-imghax dovut.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li fl-essenza taghha tghid:**[5]

---

[2] Pagna (P.) 7
[3] P. 4 u 7
[4] Fil-formola tal-ilment mibghuta lill-Ufficjcu tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ('l-Ufficcju'), li giet iffirmata mill-ilmentatur fis-16 ta' Marzu 2022 (u li l-Ufficcju rcieva fit-12 t'April 2022), l-ilmentatur kiteb li *'F'dawn l-ahhar xhur il-provditur qal li is-sentenza mill-qorti kienet inqatghet u l-flus kelli nircevihom ix-xahar li ghadda'* (P. 4).
[5] P. 24-28

1. Illi l-ilmentatur fetah kont ma' MPM fid-9 t'Awwissu 2010 wara li kien ikkuntattja lil MPM huwa stess u talab li jinvesti fi prodotti riskjuzi peress li kellu attitudni aggressiva ghal riskju. Huwa naqas milli jinforma b'dan fl-ilment tieghu.

2. MPM spjega li f'Settembru 2010, l-ilmentatur investa fil-prodott bl-isem ta' *Erste Finance 5.25% Perp*; f'Novembru 2010 investa fil-*EFG Hellas Funding 6% Perp*; f'Settembru 2011 investa fil-*Barclays Bank 4.75% Perp*; f'Lulju 2012 investa fil-prodott bl-isem ta' *SNS Bank 11.25% Perp*.

3. Meta biegh il-*Barclays Bank 4.75% Perp* f'Ottubru 2012, l-ilmentatur ghamel gwadann finanzjarju (imghaxijiet u qligh fuq il-prezz) ta' Euro 2,191.34 (qligh ta' 43% f'sena wahda biss).

4. Fi Frar tas-sena 2013, il-Gvern tal-Olanda habbar li kien qed jiehu bhala *'expropriation'* l-investimenti li kien hemm fil-prodotti relatati mal-*SNS Bank*. Il-Gvern Olandiz qal li l-valur ta' dawn il-prodotti ivvalutahom bhala zero hekk kif indikat f'Anness B tar-risposta tal-provditur tas-servizz.[6]

   Kull operatur finanzjarju li kellu konnessjoni ma' dawn l-investimenti kellu d-dritt li jressaq l-oggezzjoni tieghu fi zmien ghaxart ijiem. MPM infurmat b'dan kollu mill-ewwel lill-klijenti kollha taghha, inkluz, l-ilmentatur. Wara li rceviet direttiva mill-klijenti taghha, inkluz, minghand l-ilmentatur, MPM ressqet oggezzjoni formali fid-9 ta' Frar 2013, fil-Qrati Olandizi (hekk kif ipprezentat f'Anness C tar-risposta taghha).[7]

   MPM spjegat li dan l-appell gie milqugh mill-Qorti Olandiza, u fil-25 ta' Frar 2013, il-Qorti ippubblikat lista tal-persuni u entitajiet kollha li taghhom kien intlaqa' l-appell (hekk kif ipprezentat f'Anness D tar-risposta).[8]

   L-ilmentatur kien gie infurmat mill-ewwel b'din id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Olandiza.

[6] P. 30
[7] P. 33
[8] P. 35-50

Fl-istess perjodu, MPM appuntat ditta legali prestigjuza Olandiza, *Hocker Advocaten*, biex tirrapprezenta l-interessi tal-klijenti taghha, inkluz, tal-ilmentatur.

Fis-26 ta' Lulju 2013, l-ilmentatur hallas is-somma ta' Euro 70 bhala parti minn sehemu ta' dawn l-ispejjez legali (Anness E).[9] Dan ifisser li l-ilmentatur mhux sempliciment kien konxju tas-sitwazzjoni rigward l-investiment tieghu fl-*SNS Bank* fis-sena 2013, talli sahansitra hallas lill-istess konsulenti legali f'Lulju 2013. MPM issottomettiet li din hija prova konkreta li l-ilmentatur mhux vera li sar konxju ta' din is-sitwazzjoni fi Frar 2021, imma kien ilu konxju (u, fil-fatt, sahansitra ghamel pagamenti) sa mis-sena 2013.

5. Fil-perjodu ta' bejn Lulju 2012 u Frar 2013, l-ilmentatur kien dahhal Euro 787.50 f'imghaxijiet minn dan l-investiment fl-*SNS Bank*.

6. F'Gunju 2013, l-*EFG Hellas Funding* habbret li l-maggoranza assoluta tal-investituri fil-prodott *EFG Hellas Funding 6% Perp* kienu accettaw li jikkonvertu l-investiment taghhhom f'ishma tal-kumpanija (hekk kif indikat f'Anness Fipprezentat mal-risposta).[10] L-ilmentatur, flimkien mal-klijenti kollha milquta, gie infurmat immedjatament f'Gunju 2013. Dan ukoll ifisser li b'mod immedjat kienu ser jieqfu jithallsu l-imghaxijiet fuq dan l-investiment. L-ilmentatur kien gie nfurmat dwar dan ukoll f'Gunju 2013.

7. Bejn Novembru 2010 u Gunju 2013, l-ilmentatur kien dahhal Euro 1,350 f'imghaxijiet mill-investiment *EFG Hellas Funding (Eurobank)*.

8. F'Novembru 2013, l-ilmentatur biegh l-investiment f'*Erste Finance 5.25% Perp.* fejn minn fuq dan l-investiment huwa ghamel gwadann finanzjarju (imghaxijiet u qligh fuq il-prezz) ta' Euro 2,264.72.

9. MPM spjegat li dan ifisser li wara Novembru 2013, l-ilmentatur kien fadallu biss investimenti fl-*SNS Bank* u *Eurobank*. Dan ifisser ukoll li l-laqghat u t-telefonati frekwenti li kien jaghmel l-ilmentatur kienu dejjem relatati dwar dawn iz-zewg investimenti **biss**.

---

[9] P. 52
[10] P. 54

MPM ghalhekk staqsa kif jista' l-ilmentatur jallega li sar jaf b'din is-sitwazzjoni tal-investimenti tieghu fi Frar 2021 meta huwa stess fl-istess ilment ikkonferma li kien jinghata l-informazzjoni kollha mehtiega, inkluz, l-andament tal-proceduri li kienu nfethu mill-*bondholders* fil-Qorti Olandiza ghal aktar minn seba' snin.

10. Il-provditur tas-servizz sahaq li dan ifisser ukoll li l-ilment mal-Arbitru, li dahal f'April 2022, relatat ma' dawn iz-zewg investimenti, sar wara li l-ilmentatur kienu ilu mgharraf u sahansitra hallas ghal servizzi legali relatati ma' dawn l-istess investimenti ghal aktar minn tmien snin u nofs (fis-sena 2013). F'dan il-perjodu, l-ilmentatur kien konxju li mhux qed jircievi imghaxijiet fuq dawn l-investimenti. Dan apparti l-fatt li l-ilment dahal madwar tnax-il sena wara li nxtara l-*EFG Hellas* u madwar ghaxar snin wara li nxtara l-*SNS*.

11. MPM qatt ma rceviet xi ilment minghand l-ilmentatur dwar l-investimenti tieghu qabel is-sena 2021.

    Madankollu, mis-sena 2013 sa meta l-kumpanija waqfet toffri s-servizzi taghha, MPM kellha bosta laqghat mal-ilmentatur, kif ukoll telefonati. Il-kumpanija kienet tircievi medja ta' telefonata kull xahrejn minghand l-ilmentatur, kif ukoll kienu jsiru medja ta' zewg jew tliet laqghat kull sena fl-ufficcju ta' MPM. F'dawn il-laqghat kienu jigu diskussi l-izviluppi relatati ma' dawn iz-zewg investimenti li kellu l-ilmentatur.

    Fil-laqghat kien jinghata rendikont tal-investimenti, inkluz, *transaction history* u *portfolio valuation*. Ghaldaqstant, l-ilmentatur kien jigi pprovdut informazzjoni kemm orali kif ukoll bil-miktub fuq l-investimenti u l-andament taghhom.

*Spjega dwar tmiem tar-relazzjoni bejn l-ilmentatur u l-MPM*

12. MPM spjegat li fil-bidu tas-sena 2020, hija ddecidiet li tieqaf toffri servizzi ta' investiment u nfurmat lill-Awtoritajiet b'dan. Fit-2 t'April 2020, MPM baghtet ittra lill-ilmentatur u lil klijenti ohra biex tinformahom dwar dan u biex tigwidahom sabiex jittrasferixxu l-assi taghhom ma' operaturi ohra bla hlas.

Gie spjegat ukoll li wara li l-klijenti mexxew l-investimenti taghhom ma' kumpaniji ohra, hlief ghal numru zghir hafna, l-MFSA appuntat lil Steve Paris sabiex jaghmel kuntatt ma' dawn il-ftit individwi li kien ghad fadal, inkluz, l-ilmentatur, biex imexxu l-investimenti taghhom ma' haddiehor. Ghal dan is-servizz, il-kumpanija hallset lill-MFSA is-somma ta' Euro 8,000.

F'dan il-perjodu, Steve Paris ikkomunika diversi drabi, kemm bil-miktub kif ukoll bit-telefon, mal-ilmentatur. Fid-dokument anness mal-ilment giet ipprezentata wahda mill-ittri li kienu ntbaghtu lill-ilmentatur. F'din l-ittra Steve Paris wissa lill-ilmentatur li:[11]

*'Jekk it-tali azzjoni ma tkunx ittiehdet, il-Kumpanija, bil-kunsens tal-MFSA, ikollha bzonn tiehu l-azzjoni mehtiega biex tissodisfa x-xewqat tal-MFSA, jigifieri biex il-Kumpanija ittemm ir-relazzjoni taghha mal-klijenti taghha'.*

13. MPM sahqet li l-ilmentatur kien informa lil Steve Paris li hu kien ser jiftah kont mal-*APS Bank* u kien ser imexxi l-investimenti tieghu maghhom. Sahansitra l-ilmentatur ghamel laqgha mal-*APS Bank* u dawn lestew il-karti kollha relatati mat-trasferiment. Ufficjali tal-*APS Bank* kienu kkuntattjaw lil MPM fejn infurmawha li l-karti tal-ilmentatur kienu lesti, izda, però, huwa kien baqa' ma marx jiffirmahom. Ghaldaqstant, il-process tat-trasferiment tieghu ma setax jigi konkluz.

14. MPM spjegat li f'dan l-istadju, u peress li kien ghad fadal biss l-ilmentatur bhala klijent tal-kumpanija, u li allura MPM kellha l-obbligu tibqa' thallas spejjez operattivi ohra, inkluz, spejjez relatati ma' banek u spejjez regolatorji, l-MFSA approvat l-introduzzjoni ta' mizata sabiex jigu koperti parti zghira minn dawn l-ispejjez.

MPM u r-rapprezentant tal-MFSA, Steve Paris, baghtu ittra lill-ilmentatur fl-1 t'Ottubru 2020 biex jinfurmawh li b'effett mill-1 ta' Novembru 2020, kienet ser tidhol fis-sehh din il-mizata. Dan ifisser li l-ilmentatur gie nfurmat bil-miktub xahar qabel ma gew fis-sehh il-mizati l-godda.

15. Wara disa' xhur fejn l-ilmentatur baqa' ma mexxiex l-investimenti tieghu ma' haddiehor, ghal ragunijiet li jafhom hu biss, minkejja l-insistenza ta'

[11] P. 17

Steve Paris u tal-MFSA, l-ilmentatur gie mgharraf li sas-16 ta' Dicembru 2020, hu kellu jhallas is-somma ta' Euro 1,220 li kienet pendenti fuq il-kont tieghu. Fin-nuqqas ta' dan, l-MPM kellha d-dritt li tiddisponi mill-assi tieghu biex tkopri din is-somma.

Steve Paris u l-MFSA tkellmu diversi drabi mal-ilmentatur biex jirregola ruhu, però, ghal raguni li jaf hu biss, hu baqa' jinjora lil kulhadd, inkluz, lill-MFSA.

Galadarba din is-sitwazzjoni kompliet tippersisti, MPM, bl-approvazzjoni ta' Steve Paris u l-MFSA ma kellha l-ebda triq ohra hlief li tnaqqas l-assi li kellu l-ilmentatur mid-debitura li hu kellu. Peress li l-valur tal-assi kien inqas mid-debitura, l-ilmentatur baqa' u ghadu debitur tal-kumpanija sal-llum. Dan ikkonfermah l-ilmentatur stess fid-dokument intitolat *Investment Portfolio Valuation* li pprezenta hu stess mal-ilment tieghu.

MPM issottomettiet li huwa l-ilmentatur li ghandu jaghti lil MPM, u mhux bil-kontra.

Il-provditur tas-servizz ghamel referenza ukoll ghal theddid li sar mill-ilmentatur lil wiehed mid-diretturi ta' MPM, liema tali theddida kienet infurmata biha l-MFSA u giet ipprezentata mar-risposta bhala Anness (G).[12]

*Sottommissjonijiet dwar id-dekadenza tal-kaz*

16. MPM spjegat li l-ilmentatur dahhal l-ilment mal-Arbitru fit-12 t'April 2022. Hu kien ilu li sar jaf sa mis-sena 2013 b'ahbarijiet relatati maz-zewg investimenti li semma, cioè, disa' snin qabel ma ghamel l-ilment.

    F'Lulju 2013, kien sahansitra hallas spejjez legali rigward wiehed minn dawn iz-zewg investimenti. Fl-istess sena kien ukoll gie konxju u nfurmat li twaqqfu l-imghaxijiet relatati ma' dawn l-investimenti. L-ilmentatur qatt ma lmenta ghalfejn kienu twaqqfu dawn l-imghaxijiet peress li kien konxju tas-sitwazzjoni li kienet zviluppat fl-investimenti li hu kellu.

17. MPM ghamlet referenza ghal Artikolu 21(1)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta fejn issottomettiet li skont dan l-Artikolu, li dahal fis-sehh fit-18

[12] P. 62

t'April 2016, l-ilment seta' jitressaq sa mhux aktar tard mit-18 t'April 2018. MPM ghalhekk issottomettiet li l-ilment tal-ilmentatur dahal erba' snin wara l-perjodu permissibli minn din il-ligi. Ghaldaqstant sahqet li dan l-ilment ghandu jigi rrifjutat abbazi ta' din id-dekadenza.

18. MPM ghamlet ukoll referenza ghal Artikolu 21(1)(c) tal-Kap. 555 fejn sahqet li anke f'din l-eventwalità, l-ilment ghandu jigi rrifjutat. Gie sottomess li l-ilmentatur kien gie konxju bl-ahbarijiet fuq l-*SNS Bank* sa mill-1 ta' Frar 2013. F'Lulju 2013, sahansitra hallas ghal servizzi legali rigward dan l-istess kaz. Ghaldaqstant, l-ilmentatur kellu cans iressaq l-ilment bil-miktub ma' MPM sa mhux aktar tard mill-1 ta' Frar 2015. Dan hu ma ghamlux.

MPM issottomettiet li huwa ppruvat li l-ahbarijiet relatati mal-investiment *EFG Hellas Funding* kienu hargu f'Gunju 2013. L-ilmentatur kien infurmat dwar dan immedjatament. Fil-fatt, l-ilmentatur ma rceviex l-imghax li kien imiss li jithallas fid-9 ta' Lulju 2013, peress li kien ihallas l-imghax kull tliet xhur. Dan ifisser li l-ilmentatur kien zgur konxju bl-ahhar zviluppi fuq dan l-investiment sa minn tal-anqas Lulju 2013. Dan hu m'ghamlux.

Hawnhekk il-provditur tas-servizz ghamel referenza wkoll ghad-decizjoni tal-Arbitru fil-Kaz 101/2019 dwar Artikolu 21(1)(b) fejn fosthom kien qal li

*'... The Arbiter is prohibited by law to take cognizance of complaints which are filed beyond the date of 18 April 2018 if the conduct complained of took place before the coming into force of the Act'*.[13]

19. MPM ghalhekk talbet li l-ilment tal-ilmentatur ghandu jigi michud bl-ispejjez legali jithallsu minnu.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

[13] P. 28

**Jikkonsidra:**

***Eccezzjonijiet Preliminari***

L-ewwel eccezzjoni maghmula mill-provditur tas-servizz hija fis-sens li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni jisma' dan l-ilment ghaliex skont MPM l-ilment mal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (li sar mill-ilmentatur f'April 2022), kellu jitressaq sa mhux aktar tard mit-18 t'April 2018 *ai termini* ta' Artikolu 21(1)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta ('l-Att').

Artikolu 21(1)(b) tal-Att jipprovdi li:

*'Arbitru ghandu jkollu l-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet fl-ewwel ta' Mejju 2004 jew wara:*

*Izda lment dwar imgiba li tkun sehhet qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att ghandu jsir lill-Arbitru sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta dan il-paragrafu jidhol fis-sehh'.*

Hekk kif indikat f'diversi decizjonijiet precedenti mahruga mill-Ufficcju tal-Arbitru, il-ligi ma tirreferix ghad-data ta' meta t-tranzazzjoni sehhet izda tirreferi ghad-data ta' meta l-imgiba li jkun qed isir ilment fuqha tkun sehhet.[14]

Ghalhekk l-Arbitru ghandu jara' jekk l-imgiba li dwarha l-ilmentatur qieghed jilmenta sehhitx qabel it-18 t'April 2016, meta l-Att dahal fis-sehh, skont il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz.

Fil-kaz ta' prodott ta' investiment, l-imgiba tal-provditur tas-servizz ma tistax tigi determinata mid-data tat-tranzazzjoni, u hija ghal din ir-raguni li l-legizlatur mar lil hinn minn din id-data u saret enfasi minflok fuq id-data ta' meta l-imgiba sehhet.

Huwa nnotat li l-investiment fl-*EFG Hellas Funding Ltd 6% Perp* sar fl-4 ta' Novembru 2010,[15] liema investiment eventwalment nqaleb f'ishma tal-*Eurobank Ergasias SA* wara l-offerta ta' Gunju 2013,[16] filwaqt li l-investiment l-iehor gewwa l-*SNS Bank 11.25% Perp*, sar fit-13 ta' Lulju 2012. Ghalkemm iz-

[14] Ezempju – Kaz 028/2018
[15] P. 51
[16] P. 54

zewg investimenti, li huma s-suggett ta’ dan l-ilment, it-tnejn saru qabel id-dhul fis-sehh tal-Att, l-investimenti izda kien ghadhom jezistu fil-kont tal-ilmentatur ma’ MPM sew wara d-data li l-Att gie fis-sehh. Dan hekk kif ikkonfermat kemm fir-risposta tal-provditur tas-servizz stess,[17] l-ittra ta' MPM lill-ilmentatur datata 17 ta' Awwissu 2020,[18] kif ukoll l-*'Investment Portfolio Valuation as at 16 December 2020'* mahruga minn MPM.[19]

L-Arbitru jinnota wkoll li n-nuqqas principali li gie allegat mill-ilmentatur fuq l-imgiba tal-provditur tas-servizz tinvolvi l-allegazzjoni li MPM kien ilu ghal *'diversi snin'* jaghti *'diversi weghdiet li dalwaqt kont ser niehu l-flus'*, u li *‘... anke jekk imwieghed diversi drabi li kont ser niehu flusi lura, baqghu sal-gurnata tal-lum ma ntraddewx lura’*.[20]

Fl-ilment tieghu mal-Ufficcju tal-Arbitru ffirmat f’Marzu 2022, huwa indika li *‘<u>F’dawn l-ahhar xhur</u> il-provditur qal li s-sentenza mill-qorti kienet inqatghet u <u>l-flus kelli nircevihom ix-xahar li ghadda</u>’*, jigifieri, fi Frar 2022.[21]

Anke fl-ilment formali li l-ilmentatur ghamel ma’ MPM fis-26 ta' Frar 2021, huwa sahaq li ghalkemm *'kont imwieghed li <u>f'Novembru ta' 2020</u> stajt nigbor il-flus'* mill-investimenti, huwa qal li *'minflok gejt mhedded li ser nehel il-multi'*.[22]

L-Arbitru jinnota wkoll li l-kont li kellu l-ilmentatur mal-provditur tas-servizz gie tterminat minn MPM f’Dicembru 2020, wara li l-ilmentatur *‘... failed to settle the overdue balance ... also failed to reply to the company’s communications by the mentioned deadlines’*, hekk kif specifikat fl-ittra datata 26 ta’ Marzu 2021, mahruga minn MPM lill-ilmentatur.

Dan wara ittri ohra li ntbaghtu lill-ilmentatur bhall-ittra tal-1 t’Ottubru 2020 rigward l-introduzzjoni tal-mizata ta’ Euro 25 kuljum fuq il-kont tieghu,[23] kif ukoll f’Novembru u Dicembru 2020 hekk kif imsemmi fl-ittra ta’ Marzu 2021.[24]

---

[17] P. 26
[18] P. 10
[19] P. 11
[20] P. 4
[21] *Ibid.* - Enfasi mizjuda mill-Arbitru
[22] P. 7 - Enfasi mizjuda mill-Arbitru
[23] P. 8
[24] P. 9

Johrog ghalhekk car li l-ilment ikopri l-imgiba ta' MPM wara z-zmien imsemmi fl-Artikolu 21(1)(b), jigifieri, sew wara t-18 t'April 2016.

L-Arbitru jaghmel ukoll referenza ghal Artikolu 21(1)(d) tal-Att li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huwa meqjus li japplika ghall-kaz in kwistjoni. Artikolu 21(1)(d) jghid li:

*'Ghall-fini ta' dan is-subartikolu, imgiba li tkompli fix-xorta ghandha tigi prezunta li tkun sehhet fiz-zmien meta tkun waqfet, u imgiba li tkun tikkonsisti minn serje ta' atti jew ommissjonijiet ghandha tigi prezunta li tkun sehhet meta l-ahhar minn dawk l-atti jew ommissjonijiet ikunu sehhu.'*

L-Arbitru ghalhekk jichad l-ewwel eccezzjoni maghmula mill-provditur tas-servizz ghar-ragunijiet imsemmija.

It-tieni eccezzjoni li tqajmet mill-provditur tas-servizz hija b'referenza ghal Artikolu 21(1)(c) tal-Att. Dan l-artikolu jipprovdi li:

*'Arbitru ghandu jkollu wkoll il-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, jekk ilment jigi registrat bil-miktub mal-provditur tas-servizz finanzjarju mhux izjed tard minn sentejn wara l-gurnata li fiha l-persuna li tkun qed taghmel l-ilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom.'*

Huwa meqjus li l-ilment in kwistjoni jinvolvi l-imgiba tal-provditur tas-servizz sa meta inghalaqlu l-kont tieghu ma' MPM f'Dicembru 2020, hekk kif digà msemmi fid-dettall hawn fuq.

Fil-formola tal-ilment tieghu maghmula mal-Ufficcju tal-Arbitru, l-ilmentatur indika s-26 ta' Frar 2021 bhala d-data meta huwa nduna l-ewwel darba bil-kwistjonijiet li qed jilmenta dwarhom li, fil-fatt, din tirrifletti l-istess data ta' meta sar l-ilment formali mal-provditur tas-servizz. Ghalkemm l-Arbitru jqis li realistikament l-ilmentatur induna qabel din id-data bil-kwistjonijiet li qieghed jilmenta dwarhom, izda, peress li l-ilment jinvolvi l-imgiba tal-provditur tas-servizz sakemm inghalaq il-kont tal-ilmentatur f'Dicembru 2020 u giet itterminata r-relazzjoni ta' bejniethom, huwa ghalhekk meqjus li l-ilment bil-miktub tal-ilmentatur ta' Frar 2021, ma giex irregistrat izjed tard minn sentejn ghall-iskop ta' Artikolu 21(1)(c) tal-Att.

L-Arbitru ghalhekk qieghed ukoll jichad it-tieni eccezzjoni preliminari maghmula mill-provditur tas-servizz u ser jipprocedi biex jikkunsidra l-merti tal-kaz.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan il-kaz skont dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[25]

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

L-Arbitru hawnhekk jibda billi josserva l-izviluppi li jikkoncernaw l-operat tal-kumpanija nnifisha, fejn MPM ddecidiet *'fil-bidu tas-sena 2020 … li tieqaf toffri servizzi ta' investimenti'* u nfurmat lill-ilmentatur u klijenti ohra b'dan *'fit-2 t'April 2020'*.[26]

Matul il-proceduri tal-kaz gew ipprezentati whud min-notifiki li ntbaghtu lill-ilmentatur f'dan ir-rigward, fosthom:

- l-ittra tas-17 t'Awwissu 2020 (li taghmel referenza ghal zewg ittri ta' qabel tat-2 u 16 t'April 2020) rigward it-talba ta' MPM biex l-ilmentatur jaghmel arrangament sabiex jittrasferixxi l-investimenti li kien ghad fadallu ma' MPM lil *'banek jew kumpaniji ohra li joffru l-istess servizz'*;[27]

- l-ittra tat-28 ta' Settembru 2020, mahruga lill-ilmentatur minn Stephen Paris fil-funzjoni tieghu bhala spettur mahtur mill-MFSA fejn, fosthom, spjega lill-ilmentatur li:[28]

  *'Bhala parti mill-process li jtemm in-negozju, huwa importanti li l-Kumpanija ma tibqax tagixxi f'ismek bhala konsulent dwar l-investimenti.* ***F'dan ir-rigward, ghalhekk, huwa ta' importanza kbira li kemm jista' jkun malajr taghti struzzjonijiet lill-Kumpanija biex tbigh l-imsemmija investimenti jew tittrasferixxihom lil investment service provider iehor …'***[29]

[25] KAP. 555, Art. 19(3)(b)
[26] P. 26
[27] P. 10
[28] P. 17
[29] Enfasi mizjuda mill-Arbitru

- l-ittra tal-1 t'Ottubru 2020 (rigward l-applikazzjoni ta' mizati fuq il-kont li kienu ser japplikaw wara pre-avviz ta' 30 gurnata, mill-1 ta' Novembru 2020) fuq il-kont tal-ilmentatur jekk jibqa' miftuh.[30]

Matul is-seduta tas-26 ta' Settembru 2022, l-ilmentatur ikkonferma li mhux biss ircieva d-diversi ittri dwar l-eghluq tal-operat tal-provditur tas-servizz u l-bzonn li jittrasferixxi l-investimenti ma' provditur ta' servizz iehor, izda li huwa kien anke iltaqa' ma' Stephen Paris u ufficjali tal-MFSA ohra rigward dan l-aspett.[31]

L-ilmentatur kien anke mar l-*APS Bank* biex jaghmel it-trasferiment tal-portafoll tieghu izda ma pprocediex ghax skont hu dawn ma kinux ser jiehdu responsabbilità.[32] Hawnhekk jidher li l-ilmentatur ma fehemx li l-*APS Bank*, ragonevolment ma setax ikun responsabbli ghall-bejgh jew l-andament tal-investimenti in kwistjoni li huwa kien digà ghamel ma' MPM, izda responsabbli biss biex izommlu l-investimenti li kien ghad fadallu (bhala kustodju jew *nominee*).

Waqt is-seduta tas-17 t'Ottubru 2022, l-ilmentatur iddikjara li huwa *'ma qalibx il-flus mal-APS'*, u r-raguni kienet ghax *'beza' ghax ma jifhimx'*.[33]

L-Arbitru izda ma jistax jaccetta tali argument meta jqis ic-cirkostanzi specifici ta' dan il-kaz, specjalment, il-komunikazzjonijiet estensivi kollha li l-ilmentatur spicca kellu mhux biss ma' MPM, izda anke ma' Stephen Paris (bhala spettur mahtur mill-MFSA), ma' ufficjali tal-MFSA, u anke ma' provditur tas-servizz iehor, l-*APS Bank.*

Johrog car li minkejja d-diversi tentattivi tal-provditur tas-servizz u nies ohrajn biex jghinu u jikkonvincu lill-ilmentatur icaqlaq u jittrasferixxi l-investimenti ghand provditur ta' servizz iehor, l-ilmentatur baqa' jwebbes rasu u ma ha l-ebda azzjoni f'dan ir-rigward u, fil-process, ippregudika huwa stess il-*holdings*, jigifieri, l-investimenti li kien ghad fadallu.

[30] P. 8
[31] P. 65 u 66
[32] P. 66
[33] P. 72

L-Arbitru jinnota li fl-ittra tal-1 t'Ottubru 2020, il-provditur tas-servizz ghamel twissija lill-ilmentatur li:[34]

*'… il-kumpanija qed taghtik 30 gurnata pre-avviz qabel tidhol fis-sehh din il-mizata. Jekk m'ghandekx bilanc ta' likwidità mal-kumpanija, inti tista' thallas din il-mizata permezz ta' depozitu mal-kumpanija.*

***Il-kumpanija ghandha d-dritt li tillikwida parti mill-investimenti tieghek f'kaz li ma jsirx id-depozitu fil-hin'***.[35]

**L-ilmentatur spicca l-unika klijent tal-kumpanija li baqa' ma ghamilx l-arrangamenti necessarji hekk kif intalbu jaghmlu l-klijenti kollha l-ohra tal-MPM biex jillikwidaw jew jittrasferixxu l-investimenti taghhom. Hekk kif xehed l-ufficjal tal-provditur tas-servizz waqt is-seduta tas-17 t'Ottubru 2022,**

***'Ma ninsewx li kulma kien jonqosna klijent biss li kien is-Sur ZM'***.[36]

**Hawnhekk l-Arbitru ma jsib l-ebda raguni gustifikabbli u ragonevoli ghall-agir tal-ilmentatur li bilfors ried jibqa' jzomm l-investimenti tieghu ma' MPM meta din tal-ahhar iddecidiet li twaqqaf is-servizzi taghha.**

**Huwa kkunsidrat li l-ilmentatur inghata izjed minn bizzejjed zmien minn MPM biex huwa jaghmel tali trasferiment sabiex l-investimenti tieghu li kien ghad fadallu jigu mizmuma minn provditur ta' servizz iehor. Dan it-trasferiment ma kellux jippregudika l-interessi u d-drittijiet tal-ilmentatur li jaghmel ilment u/jew ifittex lil MPM ghal xi allegat dannu fuq l-investiment tieghu.**

**Ghalhekk, fic-cirkostanzi, l-Arbitru ma jara l-ebda bazi gustifikabbli ghall-komportament tal-ilmentatur f'dan ir-rigward, li minhabba n-nuqqas ta' azzjoni li hu konxjament iddecida li jiehu min-naha tieghu stess, spicca biex wehel il-multa ta' kuljum ta' Euro 25 imposta minn MPM, liema multa kienet adekwatament notifikata lilu u li sfortunatament spiccat li sahansitra telghet ghall-multa jew hlas dovut lil MPM ghas-somma sostanzjali ta' Euro 1,220 hekk kif anke indikat fl-*'Investment Portfolio Valuation as at 16 December 2020'*.**

[34] P. 8
[35] Enfasi mizjuda mill-Arbitru
[36] P. 71

**L-ilmentatur hawnhekk jista' jwahhal biss fl-agir tieghu li wehel din il-multa liema hlas dovut minn din il-multa spicca sahansitra jeccedi t-total ta'** ***'Market Value'*** **fuq iz-zewg investimenti li kien ghad fadallu hekk kif indikat fl-istess** ***'Portfolio Valuation'*** **ta' Dicembru 2020.**[37]

**Fuq l-aspett principali iehor li qajjem l-ilmentatur fl-ilment tieghu, jigifieri, li sarulu diversi weghdiet li ser jircievi flusu fejn specifikament allega li** ***'kont imwieghed li f'Novembru ta' 2020 stajt nigbor il-flus li jien kont investejt'***[38] **u li** ***'F'dawn l-ahhar xhur il-provditur qal li s-sentenza mill-qorti kienet inqatghet u l-flus kelli nircevihom ix-xahar li ghadda',***[39] **l-Arbitru josserva li dawn l-allegazzjonijiet ma gew izda bl-ebda mod issostanzjati mill-ilmentatur.**

**Fil-fatt, ma giet ipprezentata l-ebda evidenza li tissostanzja dawn l-allegazzjonijiet u l-ilmentatur lanqas ma pprovda izjed dettall fuq tali allegazzjonijiet matul il-proceduri ta' dan il-kaz.**

**L-Arbitru jsibha wkoll difficli jemmen kif il-provditur tas-servizz seta' wieghed lill-ilmentatur li ser jircievi flusu lura meta wiehed jikkunsidra n-natura tal-investimenti in kwistjoni (li t-tnejn kellhom rata gholja ta' interessi u evidentament riskju gholi) u meta kien hemm l-izviluppi negattivi sa mis-sena 2013 hekk kif hareg matul dan il-kaz.**

**Fic-cirkostanzi, l-Arbitru ma ghandu lanqas ebda komfort fuq dawn l-allegazzjonijiet principali maghmula mill-ilmentatur f'dan l-ilment u ghar-ragunijiet imsemmija ma jistax jilqaghhom.**

**Fuq l-aspett li l-flus** ***'baqaw sal-gurnata tal-lum ma ntraddewx lura',***[40] **johrog ukoll car li fiz-zmien tal-ilment, l-investimenti li kien ghad fadallu jew ma kinux disponibbli (bhal fil-kaz tal-*bond* mahrug minn *SNS Bank*) jew kienu b'valur essenzjalment negligibbli (bhal fil-kaz tal-ishma fil-*Eurobank Ergasias SA* li l-** ***'Market Value'*** **taghhom skont l-*'Investment Portfolio Valuation as at 16 December 2020'* dak iz-zmien kien biss ta' Euro 24.19).**[41]

---

[37] P. 11
[38] P. 7
[39] P. 4
[40] *Ibid*.
[41] P. 11

**Fir-rigward tal-investiment gewwa l-*SNS Bank 11.25% Perp*, l-Arbitru jinnota li dan l-investiment kien soggett ghal diversi proceduri legali twal li kienu ilhom ghaddejjin u li finalment inqatghu u gew konkluzi b'decizjoni mill-Qorti Suprema fil-21 t'April 2023.**[42]

**Huwa ghalhekk proprju dan l-ahhar li kien hemm zvilupp materjali fuq dan l-investiment hekk kif ikkomunikat pubblikament mill-MFSA fin-nota mahruga fuq is-sit taghha fit-2 ta' Mejju 2023.**[43] **F'din in-nota ta' Mejju 2023, l-MFSA proprju spjegat il-process fuq il-procedura li wiehed seta' jsegwi mill-15 ta' Mejju 2023 (u mhux qabel), biex wiehed jitlob kumpens mill-Gvern Olandiz fuq il-*bonds* mahruga minn *SNS Bank.***

**Barra min hekk, l-ilmentatur kien ilu jaf bl-izviluppi negattivi fuq dawn iz-zewg investimenti (hekk kif spjegati fil-qosor fir-risposta tal-provditur tas-servizz**[44] **u s-seduta tas-17 t'Ottubru 2022).**[45]

**Fil-fatt, l-ilmentatur stess iddikjara (matul is-seduta tas-26 ta' Settembru 2020), li *'Nghid li xi 2012/2013 sirt naf li tlift il-flus'*.**[46] **Ghalhekk, mhix lanqas cara fuq liema bazi l-ilmentatur kien finalment qieghed jitlob u jistenna flusu lura fl-ilment li ghamel mal-provditur tas-servizz fis-26 ta' Frar 2021.**

**Fl-ahharnett, l-Arbitru josserva illi anke min-naha ta' xi allegat nuqqas ta' adekwatezza tal-investimenti in kwistjoni ma hemm lanqas ebda bazi sostanzjata u evidenzjata fuq xiex wiehed jista' jaghti xi tip ta' kumpens. Mhux biss l-ilmentatur ma qajjem bl-ebda mod car u sostanzjat xi allegat nuqqas f'dan ir-rigward, izda matul il-proceduri tal-kaz lanqas ma harget xi evidenza li dan seta' jkun il-kaz.**

**Dan meta wiehed iqis ukoll dawn l-aspetti:**

---

[42] https://www.government.nl/latest/news/2023/04/21/ministry-of-finance-to-pay-compensation-to-holders-of-expropriated-sns-securities-and-assets

[43] https://www.mfsa.mt/news-item/mfsa-issues-guidance-to-sns-reaal-and-sns-bank-bondholders-on-compensation-claims/

https://www.compensationsns.nl/

[44] P. 24-25
[45] P. 67-70
[46] P. 64

a) **il-fatt li l-*'Opening of Account Form'* mahruga mill-provditur tas-servizz u ffirmata mill-ilmentatur tindika b'mod car li s-servizz ipprovdut, li kien wiehed *'Advisory'*, kien ghal klijent li kellu *'Attitude to Risk'* immarkata bhala wahda *'Aggressive'* - aspett li ma giex michud mill-ilmentatur matul il-proceduri tal-kaz;**[47]

b) **li hekk kif johrog mit-*'Transaction Record from 01 August 2010 to 19 April 2022'*, il-portafoll tal-ilmentatur kien fil-fatt ukoll maghmul minn erba' *bonds* li lkoll kienu tat-tip *'perpetual bonds'* li nxtraw sew taht il-valur nominali taghhom (bl-ghan li l-ilmentatur jaghmel qligh akbar) u kienu wkoll ihallsu rata ta' imghax relattivament gholja.**

**Skont l-imsemmi '*Transaction Record'*:**[48]

- **fid-29 ta' Settembru 2010, l-ilmentatur investa s-somma ta' EUR 5,096.13 gewwa *l-Erste Finance 5.25% Perp* @ 71.500. Dan l-investiment nbiegh fit-8 ta' Novembru 2013 bi prezz oghla ta' 90.000 ghall-ammont ta' EUR 6,258.35 (fejn f'madwar tliet snin halla qligh kapitali ta' EUR 1,162.22 apparti imghax totali ta' EUR 1,102.50);**[49]

- **fl-4 ta' Novembru 2010, l-ilmentatur investa s-somma ta' EUR 5,983.99 gewwa l-*EFG Hellas Funding Ltd 6% Perp* @ 65.000;**

- **fit-23 ta' Settembru 2011, l-ilmentatur investa s-somma ta' EUR 5,085.67 gewwa l-*Barclays Bank plc 4.75% Perp* @ 47.500. Dan l-investiment nbiegh fil-25 t'Ottubru 2012 bi prezz oghla ta' 66.000 ghall-ammont ta' EUR 6,802.01 (fejn f'sena halla qligh kapitali ta' EUR 1,716.34 apparti imghax ta' EUR 475);**

- **fit-13 ta' Lulju 2012, l-ilmentatur investa s-somma ta' EUR 5,343.48 gewwa l-*SNS Bank 11.25% Perp* @ 68.000.**

**Ghalhekk jidher li l-ilmentatur fittex portafoll u nvestimenti ta' certu portata ta' riskju bl-ghan li jiehu ntrojtu gholi.**

[47] P. 29
[48] P. 51 - 53
[49] Imghax ta' Eur367.50 fil-23/09/2011; EUR 367.50 fil-23/09/2012; u EUR 367.50 fit-23/09/2013

**Fic-cirkostanzi, l-Arbitru ma jsib l-ebda raguni sufficjenti, ragonevoli u adekwata li tiggustifika l-kumpens, jew xi parti minnu, mitlub mill-ilmentatur a bazi tal-allegazzjonijiet maghmula minnu.**

**Konkluzjoni**

**Ghar-ragunijiet kollha moghtija hawn fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru qieghed jichad l-ilment maghmul mill-ilmentatur.**

**Però, l-Arbitru jixtieq jaghmel rakkommandazzjoni lill-provditur tas-servizz, sakemm din hija applikabbli jew tista' ssir min-naha tieghu f'dan l-istadju tad-decizjoni, u sakemm ma hemmx xi arrangament ezistenti izjed favorevoli ghall-ilmentatur.**

**Dan qed jinghad peress li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-Arbitru ma ghandux dettall ta' min spicca jzomm it-titolu tal-investimenti wara li gie tterminat il-kont tieghu. Minhabba l-izviluppi materjali recenti li kien hemm dwar l-investiment fl-*SNS Bank* (hekk kif imsemmi hawn fuq), qed jigi rrakkommandat lill-provditur tas-servizz li jekk dan l-investiment tal-*SNS Bank* jirrendi ntrojtu (wara l-process ta' rifondiment applikabbli), li jeccedi l-ammont applikat u/jew dovut f'mizati lil *MPM Capital Investments Limited* (hekk kif gew indikati fil-proceduri tal-kaz),[50] tali differenza jew rikavat tintbaghat finalment lill-ilmentatur.**

**Biex jigi evitat kull dubju, din ir-rakkommandazzjoni hija jekk applikabbli u fid-diskrezzjoni tal-provditur tas-servizz u minghajr dan mhu marbut biha. Din hija wkoll bla preguddizju ghal kull intitolament legali tal-provditur tas-servizz. Kopja ta' din id-decizjoni ser tintbaghat lill-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ghal kull fini.**

**Peress li l-Arbitru ma laqax l-eccezzjonijiet preliminari tal-provditur tas-servizz, l-Arbitru jordna li kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.**

**Alfred Mifsud**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[50] P. 8 u 11